MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru. 18/2007

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
SPETTUR MARTIN SAMMUT
VS
HAYTHEM MUSBAH S. ELKHWELDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Haythem Musbah S. Elkhweldi, ta’ 23 sena, bin Musbah u Fatriha nee’ Muftah, imwieled Tripoli, Libya nhar is-26 t’Ottubru 1983 u residenti f’Malta b’indirizz mhux maghruf, u detentur tal-passaport Libyan bin-numru 433289, mahrug Tripoli nhar l-10 t’April 2004, u akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Jannar 2007, ghal habta ta’ nofs il-lejl, gewwa l-istabbiliment maghruf bhala Baroque Internet Café, sitwat fi Triq Wilga, San Giljan:
(a) b’eghmil zieni, ikkorrompa lil persuna taht l-eta’, u cioe’ lil *omissis*, minorenni ta’ *omissis* sena, u dan bi ksur tal-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita’ l-korruzzjoni ta’ *omissis*, minorenni ta’ *omissis* sena tas-sess ‘l wiehed jew l-iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni nvoluti u l-familja taghhom, ai termini tal-Artikolu 382A et seq, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-imputat (a fol 85 tal-process) fejn irregistra li ma kellu ebda oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi *omissis* (ara xhieda a fol 9-19), flimkien maz-zewgt itfal taghha, *omissis* u *omissis*, kienu gew Malta ghall-btala fit-28 ta’ Dicembru 2006, u kienu qed jirrisjedu fl-Inter Continental Hotel, Paceville. Irrizulta li din ma kinitx l-ewwel btala ta’ *omissis* u l-familja taghha, u fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta’ Jannar 2007, *omissis*, binha ta’ *omissis* sena, kien talabha permess biex hu jkun jista’ juza’ l-‘internet’ go hanut li kien kantuniera boghod mill-‘hotel’. Illi binha telaq fl-ghaxra u

nofs ta' bil-lejl u kellu jirritorna f'nofs il-lejl, u mieghu kellu l-'mobile'.

*Omissis* xehdet illi ghal habta ta' nofs il-lejl u ghaxra, binha ma kienx irritorna u ghaldaqstant pruvat tkellmu fuq il-'mobile phone' pero' sabet diffikulta' biex tikkuntattjah. Meta rnexxielha tikkuntattja lil binha *omissis*, dan qalilha li kellu problema, siccome li kien hemm ragel li kien messlu l-partijiet genitali tieghu waqt li hu kien juza' dan il-'computer' fil-hanut. *Omissis* tatu struzzjonijiet sabiex tkellem lill-persuna, tfajla, li kienet qeghda mal-'bar', tal-istess hanut, sabiex din tindukralha lit-tifel taghha sakemm hi tmur ghal binha.

Xi ghaxar minuti wara, *omissis* waslet f'dan il-hanut ghal binha. *Omissis* xehdet ukoll illi jirrizulta illi waqt li t-tifel taghha kien qieghed fuq l-'internet' u gie hekk immolestat, huwa kien baghat messagg lill-hbieb tal-familja fit-Tunezija fejn kienu jghixu, (li kienu 'French speaking'), sabiex dawn jikkuntattjaw lil ommu u jghidulha bil-periklu li kien jinsab fih it-tifel taghha, *omissis*. *Omissis* xehdet illi kienu dawn illi cemplulha hekk kif qatghet minn fuq it-'telephone' ma' binha. *Omissis* xehdet illi minhabba li hija taf li dejjem ikun hemm il-prezenza tal-Pulizija fl-akwati ta' Paceville, hija talbet ghall-assistenza tal-Pulizija, qaltilhom l-istorja kollha, u ghaldaqstant, meta marru l-'internet café' biex hi tigbor lit-tifel taghha, kienet assistita mill-prezenza tal-Pulizija.

Meta kellmet lil binha, talbitu biex jghidilha jekk ir-ragel li mmolestah kienx ghadu prezenti, u **huwa wera lill-Pulizija persuna li kienet ghadha barra mill-hanut.** Il-Pulizija marru fuq din il-persuna u arrestawha. Minn hemmhekk, il-Pulizija talbuha biex tinzel l-ghassa tal-Pulizija sabiex taghmel ir-rapport. ***Omissis*** **gharfet lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna illi binha kien indika lill-Pulizija f'dak il-lejl.** *Omissis* xehdet ukoll illi hija ghamlet dan ir-rapport ghaliex ma riedet xejn fuq il-kuxjenza taghha u ma riditx li l-imputat jimmolesta lil xi tifel jew tifla ohra.

A fol 15, ***omissis*** **tat id-deskrizzjoni ta' l-ilbies li kien liebes l-imputat f'dak il-lejl rilevanti.** *Omissis* xehdet, a fol 18, illi meta t-tifel taghha gharaf lill-imputat, dan kien qieghed b'dahru jistrieh mal-apertura tal-hanut, u **allura binha kien jista' jarah fil-profil u minn wara.**

Mix-xhieda ta' *omissis*, a fol 20, jirrizulta illi fil-lejl indikat fic-citazzjoni, huwa kien talab permess lil ommu sabiex imur u joqghod jiccatja fuq l-'internet' go 'internet café' li kienet vicin tal-Inter Continental Hotel. Huwa telaq mill-'hotel' fl-ghaxra u nofs u wasal fl-'internet café' wara xi ghaxar minuti. *Omissis* xehed, a fol 22 et seq, illi ftit wara li beda jiccatja fuq l-'internet', gie ragel, twil 1.6 metri, bil-lehja u barnuza tas-suf ta' kulur skur, liebes gakketta bajda u 'jeans', beda jkellmu bl-Ingliz, b'accent Gharbi.

Dan ir-ragel talab lil *omissis* biex jittajpja l-kelma 'sex' u dan talbu l-istess domanda ghal diversi drabi. Illi minkejja illi qallu le ghal diversi drabi, meta *omissis* ra illi dan ir-ragel ma kienx ser ihallih fil-kwiet, **filfatt ghamel dak li ried.** *Omissis* xehed illi wara li ttajpja l-kelma 'sex', **telghu hafna stampi,** u xehed illi dan ir-ragel qallu wkoll biex **jikklikkja fuq il-kelma 'teenager' u sabiex jimmanifika din l-stampa.**

*Omissis* xehed illi qabel ma avvicinah dan ir-ragel, huwa kien qed jiccatja ma' habib tieghu u li ghalhekk waqt l-incident huwa kien qed jghidlu x'qed jigri bil-lingwa Franciza. Il-minuri *omissis* qal illi wara dan, dan ir-ragel kien beda jmisslu l-parti privata tieghu minn fuq il-hwejjeg, u allura hu nehhielu jdejh bil-herra. Dan ir-ragel beda jghidlu **'no problem, no problem'**, u ma regax ghamel din l-azzjoni, izda beda jikkarezzalu jdejh, u talbu verbalment jekk setax imissu, ghal liema domanda l-minuri wiegbu fin-negattiv. Il-minuri *omissis* xehed illi minhabba li hu kien diga' qed jiccatja ma' habib tieghu fit-Tunezija, huwa beda jirrakkuntalu x'kien filfatt qed jigri. Il-minuri *omissis* xehed illi dan ir-ragel kompla jitolbu sabiex l-istess minuri jurih il-partijiet privati tieghu, u l-minuri rrispondieh fin-negattiv.  Di piu', l-imputat talbu r-raguni ghalfejn hu kien qed jirrifjuta, u l-minuri rrispondieh li hu ma kienx 'homo sexual'.

Minhabba illi l-minuri kien qed jirrakkonta dak kollu li kien qed jigrilu lill-habib tieghu li kien qieghed fit-Tunezija, dan l-istess habib talbu jekk kellux jinforma lil ommu, u l-minuri *omissis* wiegbu fl-affermattiv.

Sussegwentement, dan ir-ragel talab lill-minuri sabiex jittajpja l-kliem ‘videos’ sabiex ikunu jistghu jittellghu fuq l-‘internet’ xi ‘videos’ fuq materja pornografika u t-tifel rrifjuta. Wara dan, ir-ragel talab lill-minuri jaghtih l-eta’ tieghu, u l-minuri rrifjuta. Irrifjuta wkoll li jaghtih l-isem tieghu u rrisponda lil dan ir-ragel bil-kliem li huwa ma jkellimx lil nies li ma jafhomx. Wara dan, dan ir-ragel telaq, ikkarezzalu xaghru u qallu l-kliem ‘**good boy’** jew ‘**brave boy’. Kif kien ser jitlaq, rega’ messlu l-partijiet privati tieghu, u l-minuri mill-ewwel imbuttalu jdejh minn fuqu.**

Sussegwentement, ircieva telefonata minghand il-mama’ tieghu u qalilha b’dak kollu li kien gralu, u l-mama’ tieghu kienet talbitu biex jghaddi l-‘mobile’ lill-Manager tal-hanut u hu kien ghaddih lil tfajla li kienet qed tiehu hsieb il-‘bar’. Hekk filfatt gara u nghata din taghtu struzzjonijiet illi kellu jibqa’ fil-hanut sakemm tigi l-mama’ tieghu. Il-minuri xehed illi wara ftit, rega’ gie dan ir-ragel, rega’ kkarezzalu xaghru u mbaghad hareg ‘l barra mill-hanut, **fejn baqa’ jistrieh mal-bieb tal-hgieg tal-istess ‘internet café’.** Ftit wara giet ommu flimkien mal-Pulizija, u l-Pulizija talbu lill-minuri jindikalhom dan ir-ragel li kien immolestah. Filfatt *omissis* hekk ghamel u ra lill-Pulizija jmorru fuqu u jitolbuh il-passaport.

***Omissis* xehed illi meta huwa ndika lil dan ir-ragel, il-Pulizija hasbu li kien qed jindika lil ragel iehor, u ghaldaqstant, kellu jerga’ jidentifika lill-imputat** u kien f’dan il-mument illi l-Pulizija marret fuq l-istess imputat biex jarrestawh. Dan l-incident, skond il-minuri *omissis*, kien dam ghaddej bejn tletin u hamsin minuta. *Omissis* xehed illi meta dan ir-ragel kien talbu biex jara l-partijiet privati tieghu, **kien ghamillu mossa fejn il-minuri fehem illi dan ried jipprattika sess orali fuq l-istess minuri. Din il-mossa kienet giet repetuta ghal darba ohra.**

Il-minuri *omissis*, a fol 29, xehed illi huwa kien mar f'dan l-'internet café' xi darbtejn jew tlieta qabel, u dan wahdu, u kien mar darba ohra mal-mama' tieghu. Xehed ukoll illi huwa qatt ma kien innota lil dan il-persuna fl-okkazjonijiet l-ohra li kien mar f'dan l-'internet café'.

In kontro ezami, il-minuri *omissis* xehed illi dak il-hin tal-incident, kien hemm bejn tnejn u erba' nies ohra fl-'internet café' fuq parti wahda ta' dan il-'café' u bejn erba' u sitta hdejn il-'bar'. Mitlub biex jghid ghaliex ma talabx lil xi hadd li kien iktar vicin lejh ghall-ghajnuna, il-minuri xehed illi beda jibza' illi dan ir-ragel seta' kien qed igorr xi skieken ghaliex f'pajjizu, fit-Tunezija, hemm dik l-uzanza. Il-minuri xehed illi huwa gieli uza' l-'internet' meta kien it-Tunezija, pero' fit-Tunezija ma tistax tidhol f'siti pornografici. Il-minuri kkonferma, a fol 31, illi kien zgur mill-identifikazzjoni tal-persuna li mmolestatu. **Il-minuri nfatti ndika lill-imputat prezenti fl-awla bhala l-persuna illi mmolestatu, u gharaf ukoll il-barnuza li kellu fuqu l-imputat.**

Spettur Raymond Aquilina, a fol 36, esebixxa l-istqarrija tal-imputat, dokument RA a fol 37-40. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega li b'xi mod immolesta lil dan it-tifel

Spettur Martin Sammut, a fol 43, ikkonferma li huwa fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar, kien gie nfurmat mis-Surgent PS 1136 Fabian Fleri, dwar ir-rapport li kienet ghamlet *omissis*, mara Franciza li tghix it-Tunezija, dwar l-molestja sesswali tat-tifel taghha, li gara fil-Baroque Café, Triq Wilga, San Giljan. Spettur Sammut xehed illi kien infurmat illi t-tifel kien identifika lill-persuna li kienet immolestatu u ghaldaqstant, huwa kien ta l-ordni biex jigi arrestat dan il-persuna illi kien infatti l-imputat. Spettur Sammut xehed ukoll li kien informa lill-Ispettur Raymond Aquilina mill-Skwadra ta' kontra l-Vizzji, sabiex ikomplu jsiru l-investigazzjonijiet.

Spettur Sammut ikkonferma r-rapport u anke x-xhieda ta' *omissis*, u kkonferma l-istqarrija dokument RA a fol 37 bhala l-istqarrija tal-imputat.

PS 1136 Fabian Fleri, a fol 74, ikkonferma illi ghal habta tas-6 ta’ Jannar 2007, f’nofs il-lejl u ghaxra, kien gie nfurmat mill-Pulizija illi kienu stazzjonati Paceville, illi kien dahal rapport dwar molestja sesswali ta’ minuri, li kien sehh fil-Baroque Internet Café, Triq Wilga, San Giljan, Paceville. Xehed illi huwa kien acceda fuq il-post minnufih, u sab illi l-imputat kien diga’ arrestat. PS Fleri kkonferma illi huwa kellem lil *omissis* u t-tifel taghha *omissis*, u r-rapport minnu migjub. Ikkonferma wkoll illi t-tifel, wara li kien gie molestat min dan ir-ragel, kien beza’, u kien sab refugju ghand it-tfajla li kienet qed tiehu hsieb il-‘bar’.

PS Fleri kkonferma li ghandu, dan it-tifel kien ikkonferma dak kollu li kien qed jigrilu fuq l-‘internet’ ma’ tifel ta’ mparu fit-Tunezija, u li dan qal lill-familjari tieghu sabiex icemplu lil ommu biex jghidulha x’qed jigri, u hekk gara. Filfatt omm il-minuri kienet nizlet ghall-Pulizija f’Paceville, li akkumpanjawha go dan l-‘internet café’ sabiex tigbor lil binha. **Ikkonferma wkoll illi t-tifel ndika u identifika lill-imputat li kien qed jistenna barra minn dan l-‘internet café’** u li l-imputat gie arrestat u mehud l-ghassa ta’ San Giljan. PS Fleri esebixxa l-okkorrenza tieghu dokument PS li tinstab minn fol 76-78 ta’ dan il-process.

Mary Louise Bugeja, a fol 79, xehdet illi hija tahdem fl-istabbiliment Al Café, Paceville, u li bil-lejl, bejn il-5 u s-6 ta’ Jannar 2007:

**‘kien hemm tifel zghir kien qieghed fuq l-internet u kien hemm guvni beda jdejjqu. It-tifel hasdu u rrejalizzajt li dan il-guvni kont diga’ keccejtu minn go l-istabbiliment taghna darbtejn…ghal ragunijiet differenti, ghax minn barra li jidhlu hafna biex juzaw it-toilet taghna…imbaghad rajtu jaqbad man-nies u beda jdejjaqhom u l-ahhar darba li kont keccejtu qabad ma’ dan it-tifel, u t-tifel inhasad, gie mahsud, cempel lil ommu, ma nafx x’qallu, u beda jghid li speci qabad mieghi. Jien gbart lit-tifel…u hadtu fir-restaurant biex jistenna lil ommu.’**

Mary Louise Bugeja, a fol 30, xehdet:

**‘Naf li gie mahsud jigri fuqi ghax qalli dak il-guvni ttantani, spjegali kif kien liebes u kollox u qedtlu toqghodx tinkwieta, qedtlu ghax lil dak keccejtu ‘l barra, qedtlu issa ejja stenna lil ommok, qedtlu ejja bilqeghda hdejja.’**

Mary Louise Bugeja **gharfet lill-imputat bhala l-persuna illi hija kienet kecciet mill-hanut taghha wara illi kien talabha l-assistenza l-minuri:**

**‘Meta qed tghid qabad mat-tifel x’osservajtu jaghmel?**
**Xhud: Jien rajtu hdejn il-computer u t-tifel hemm hdejh, it-tifel inhasad u qam jigri hdejn wiehed mill-lavranti taghna.’**

A fol 83, Mary Louise Bugeja xehdet illi kienet **certa** mill-indikazzjoni tal-imputat.

L-imputat, a fol 89, xehed illi huwa kien qieghed bilqeghda got-Tequila Bar, San Giljan, u wara ftit hin, kellu bzonn imur fil-kamra tal-banju u mar gol-‘internet café’. Illi kif kien hiereg, kien hemm xi tifel fuq l-‘internet’, u ghadda minn hdejh u kullma ghamillu kien gerfixlu xaghru. L-imputat xehed illi hadd ma keccih ‘l barra mill-hanut u li hu dak il-lejl kien xurban. L-imputat xehed illi lanqas ma hu cert illi l-minuri *omissis* kien filfatt il-persuna li gerfixlu xaghru. L-imputat innega li mmolesta sesswalment lil dan it-tifel, jew li qallu biex jidhol f’siti pornografici fl-‘internet’.

Mitlub jghid kif jipplaka l-fatt illi huwa, fl-istqarrija tieghu, qal illi ma messx lit-tifel u li fix-xhieda tieghu kien qed jghid li kemm gerfixlu xaghru, **l-imputat xehed illi huwa kien xurban dak il-lejl u ma jiftakarx illi mess lil xi hadd.** Illi mbaghad meta ghadda minn hdejh, messlu xaghru (ara xhieda a fol 91). Aktar tard fix-xhieda tieghu, l-imputat **jghid li lanqas huwa cert mija fil-mija jekk filfatt messlux xaghru jew le.**

In kontro ezami, l-imputat xehed illi dakinhar kien xorob l-inbid u l-birra. Infatti kien ikkonsma zewg pinet birra.

**Ikkonferma illi huwa fil-Libya ma jixrobx u lanqas kien imdorri jixrob**. In kontro ezami, l-imputat xehed illi jiftakar li kien dahal fil-kamra tal-banju u li rega' hareg u ma jiftakarx illi xi hadd keccih mill-hanut. Ikkonferma li ma staqsa xejn minghand il-minuri u kkonferma illi ma messux sesswalment.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta, b'mod specjali ghax-xhieda ta' *omissis* u l-mod preciz li bih xehed il-minuri, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-verzjoni tal-fatti ta' kif graw, huma dawk indikati mill-istess minuri, u dan wara li din il-Qorti rat l-insenjament fl-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti gharfet li x-xhieda tal-minuri kienet wahda konsistenti u preciza, u din ix-xhieda giet korraborata minn xhieda ndipendenti tat-tfajla Mary Louise Bugeja li kienet qed tiehu hsieb il-'bar' fejn gara l-incident.

Illi minn naha l-ohra, din il-Qorti, rinfaccjata b'xhieda tal-imputat, li hija wahda mizghuda b'inkonsistenzi, dwar jekk u kif mess lill-kwerelant, ma tantx tista' taghti affidabilita' lil din it-testimonianza, stante illi kien l-imputat stess li jammetti li huwa kien xorob ammont sostanzjali ta' alkohol dak il-lejl, u ma kienx persuna illi kien imdorri jixrob minhabba r-religjon tieghu.

Illi din il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina jekk kemm-il darba l-azzjonijiet li l-imputat ipprattika fuq il-minuri humiex atti di libidine u tali li kkorrompew lill-minuri kif trid il-ligi.

Infatti, l-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddeponi:

*'Whosoever, by lewd acts, defiles a minor of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding three years, with or without solitary confinement:*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali,*

*in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma kellha ebda evidenza dwar l-esperjenzi jew avventuri sesswali tat-tifel in kwestjoni u mir-reazzjoni ta' biza' ta' minuri li giet osservata u rakkontata minn Mary Louise Bugeja, jidher car illi din kienet esperjenza kerha ghat-tifel *omissis*.

Illi in vista ta' dan kollu u tal-insenjamenti ta' dawn il-Qrati, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-mess tal-partijiet privati tal-minuri da parti tal-imputat, filfatt kienu atti di libidine, tali illi kkorrompew lill-minuri *omissis* ta' *omissis* sena.

Illi di piu', l-imputat gie mixli bl-Artikolu 203A li jipprovdi:

*'Whosoever by any means other than those mentioned in Article 203(1), instigates, encourages or facilitates the defilment of a minor by the sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding two years…'*

Illi fil-kaz in ezami, il-fatt illi l-imputat insista mal-minuri *omissis* sabiex itellaghlu materjal pornografiku fuq l-'internet', flimkien ma' l-azzjonijiet sabiex jistiednu li jipprattika sess orali fuqu, certament jaqghu direttament fl-Artikolu fuq citat.

L-ezami li kellha taghmel din il-Qorti f'dan il-kaz ma jkunx komplet jekk kemm-il darba ma tigix indirizzata l-materja ta' l-identifikazzjoni tal-imputat. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza mhux biss ghax-xhieda tal-Ufficjali Prosekuturi, izda wkoll taghmel referenza ghax-xhieda preciza tal-minuri meta ta rakkont kif huwa identifika lill-imputat; kif il-Pulizija hasbu li huwa kien qed jidentifika ragel iehor; u kif huwa kkorega dan immedjatament billi rega' identifika lill-imputat mill-ewwel. In oltre, il-minuri ma kellu ebda ezitazzjoni meta gie biex jidentifika lill-imputat fl-awla, u anke kkonferma l-barnuza li

kien liebes fl-awla, bhala l-istess wahda li huwa kien rah liebes fl-incident.

Di piu', hemm l-identifikazzjoni pjena tax-xhud indipendenti, Mary Louise Bugeja, li ma tat ebda lok ghal xi dubju f'dan il-kaz, apparti li kien hemm ix-xhieda ta' *omissis* li kienet presenti mal-ufficjali tal-pulizija waqt li binha kien qed jidentifika lill-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza, b'assorbiment tat-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikoli 203(1) u 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn u nofs prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv.

Illi siccome l-minuri ma jghix Malta, ordni ta' protezzjoni ai termini ta' Art 412 mhix indikata f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------